# ID-DOTTRINA FALZA TAL-PURGATORJU
# U L-BIBBJA MQADDSA
**(Minn George Ebejer)**

## IL-PURGATORJU!
## (L-Ewwel Parti)

Il-familja, missier u uliedu żgħar, kienu qegħdin jokkupaw l-ewwel siġġijiet ta' l-ewwel filliera fil-knisja. Fin-nava tan-nofs kien hemm it-tebut li fih kien hemm il-ġisem mingħajr ħajja tal-maħbuba mart u omm li kienet tieħu ħsieb l-ulied. Hija kienet mara sewwa u ħanina u rrispettata minn kulħadd. Il-mewt, li tidħol għand kulħadd mingħajr qatt ma tkun mistiedna, ħaditilha ħajjitha u ħarbtet id-dinja fraġili tal-familja tagħha. Il-biki tagħhom beda jinstema' matul il-knisja kollha għalkemm din kienet kbira. Id-daqq tal-qniepel ta' l-artal ħabbar illi l-qassis kien lestg biex igħid il-Quddiesa f'isem il-mejta. Huwa għadda ftit mumenti mal-familja imbagħad ħabbar lill-kongregazzjoni li din il-quddiesa kienet se tkun offruta għall-mistrieħ tar-ruħ tal-maħbuba li ħalliet din id-dinja u li issa tinsab fil-Purgatorju. Permezz tas-sagrifiċċju qaddis tal-quddiesa, ir-ruħ tagħha tkun eventwalment meħlusa mill-uġigħ u tbatija tal-Purgatorju.

Il-Purgatorju huwa duttrina minsuġa fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana. Twemmin fil-Purgatorju huwa qawwi, kif jidher mill-ħafna quddies li familji u ħbieb offrew għal dawk li mietu. Qatt inti ħsibt għaliex għandu jkun hemm il-bżonn għall-Purgatorju u jekk hemmx xi xhieda għal l-eżestenza teigħu?

Ħalli nibda biex ngħid ċar illi l-Purgatorju ma jagħmel xejn  biex jonora dakli l-mewt ta' Ġesù Kristu, il-Mulej tagħna wasslet b'suċċes fit-tmiem. Dan igħi, fl-effett, illi l-mewt ta' Ġesù ma ġabitx maħfra kompluta, sħiħa għall-dnubietna u li t-tbatija u l-mewt Tiegħu għandhom ikun issupplimentati permezz tat-tbatija tagħna nfusna fil-Purgatorju. Din id-duttrina tikkon-tradixxi t-tagħlim ċar ta' l-Iskrittura Mqaddsa u ma tagħrafx il-qawwa tal-fidwa tas-salib ta' Kristu. Jiena naqsam il-veduta ta' l-appostlu Pawlu, li qal, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, illi Ġesù "*jista' jsalva għal kollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom*" (Lhud 7:25). Ladarba Ġesù *jsalva għal kollox* ma hemm l-ebda bżonn għall-Purgatorju. Ħalli issa naraw ix-xhieda mill-Iskrittura Mqaddsa, il-Kelma ta' Alla.

### *1. Mifdija Permezz tal-Mewt Tiegħu.*

Meta aħna nifhmu għal kollox lis-sagrifiċċju ta' Kristu kiseb il-maħfra tad-dnubiet kollha tagħna, il-Purgatorju jsir duttrina mhux meħtieġa. Billi nafu li Ġesù ħallas id-dejn tagħna, dan għandu jqanqal fina spirtu ta' qima u adorazzjoni lil Kristu l-Mulej. Ħalli nibdew mill-bidu.

Ġużeppi kien ġie nfurmat lit-tarbija ta' Marija kellha tiġi msemmija Ġesù "*għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom*" (Mattew 1:21). Xi jfisser li nkunu salvati minn dnubietna? Dan ifisser illi l-mewt ta' Ġesù ħallset il-penalità miġjuba fuqna permezz ta' dnubietna, ħelsitna mill-kundanna u l-kastig li dnubietna kien jixirqil-hom. Alla issa jitrattana bħallikieku aħna qatt ma dnibna. Dak hu l-Evanġelju! L-Aħbar it-Tajba ta' Alla! Din hija l-Bxara t-Tajba li Alla ħabbar mis-smewwiet!

Il-konsegwenza tad-dnubiet tagħna tista' tidher fl-użu tal-Mulej tagħna tal-kelma "fidwa." Ġesù qal li Hu ma ġiex biex ikun moqdi, "*imma biex jaqdi, u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra*" (Mattew 20:28). Il-kelma "fidwa" ġġib f'moħħna ostaġġi, li l-ħelsien tagħhom huwa żgurat (assigurat) meta l-ħlas ikun sar. L-istess, il-ħelsien

tagħna mill-penalità tad-dnu-biet tagħna kien żgurat fuq il-ħlas tal-mewt ta' l-Iben ta' Alla. L-appostlu Pietru jinforza dan il-punt meta jgħid li aħna konna mifdija "*bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa*" (1 Pietru 1:18-19). Ġwanni jlissen l-istess verità meta jgħid li Ġesù "ħallna minn dnubietna b'demmu" (Rivelazzjoni 1:5). Fl-ittra tiegħu, huwa jgħid li "d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub" (1 Ġwanni 1:7). Id-dnubiet li darba stennew il-kastig issa ġew maħfura. Alla issa jitrattana, uliedu, u li konna midfunin fil-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet, bħallikieku aħna qatt ma dnibna (ara Lhud 9:12; 10:14-18; Atti 2:38; 22: 16; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12).

Pietru kiteb wieħed mill-versi favoriti tiegħi ta' l-Iskrittura. Hu jgħid: "*Għax Kristu wkoll darba bata għad-dnubiet, hu l-ġust għal dawk li mhumiex ġusti, biex iressaqna lejn Alla, maqtul fil-ġisem, imma mqajjem għall-ħajja fl-Ispirtu*" (1 Pietru 3:18). Jiena nħobb dik l-espressjoni—"biex iressaqna lejn Alla." Il-mewt ta' Ġesù wettqet dak li għalih kienet intenzjo-nata—tressaqna, iġġibna lura lejn Alla. "Missjoni Mwettqa" tista' tinkiteb fuq is-salib ta' Kristu. Il-ġustizzja Divina kienet sodifatta kompletament, għalkollox. Il-Ħaruf ta' Alla fetaħ it-triq lura lejn il-Missier. Dan huwa għaliex Ġesù qal, "*Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. ħadd ma jmur għad il-Missier jekk mhux permezz tiegħi*" (Ġwanni 14:6). Ġesù hu r-Ragħaj it-tajjeb li jsalva lin-nagħaġ Tiegħu billi jagħti ħajtu għalihom. "Jiena ġejt," Ġesù jgħid, "biex ikollkom il-ħajja bil-kotra" (Ġwanni 10:10). Ġesù hu dak li jagħti l-ħajja lil dawk li huma spiritwalment mejta. Ġesù hu dak li jaħfer id-dnubiet tagħna. Ġesù hu dak li hu sewwa u msejjaħ Salvatur għaliex Hu jsalvana mill-konsegwenzi ta' dnubietna. Ġesù hu dak li jġib lil mitlufa lura lejn il-Missier. Ma nistkantawx li l-Iskrittura titkellem dwar "salvazzjoni hekk kbira" tagħna (Lhud 2:3).

### *2. Miġjuba Lura Lejn Alla.*

Rikonċiljazzjoni hija kelma li tħabbat bit-tama għal dawk li qalgħu l-maħfra. Rikonċiljazzjoni titkellem dwar ħbiberija fejn mibgħeda, ġlied, u ostilità darba eżistew. Id-dnubiet tagħna mhux biss begħduna minn Alla, imma wkoll għamluna mingħajr saħħa biex nagħmlu xi ħaġa dwar is-sitwazzjoni tagħna. Jekk il-mibegħda għandha tiġi mibdula fi ħbiberija, jekk id-dnub għandu jinbidel f'maħfra, jekk il-mitlufa għandhom jinġiebu lura lejn Alla, allura Alla għandu jieħu l-inizjattiva. Alla hekk għamel. Permezz tal-mewt ta' Ġesù, Alla ħabbibna Miegħu Nnifsu. L-appostlu Pawlu jgħidilna, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, "[6]*Għax meta konna għadna bla saħħa, Kristu fi żmien appuntat miet għall-ħżiena.* [7]*Għax bilkemm għal raġel sewwa wieħed ikun irid imut: iżda għal raġel tajjeb jista' jkun li wieħed ukoll ikollu l-ħila jmut.* [8]*Iżda Alla jirrikmanda l-imħabba tiegħu lilna, billi meta konna għadna midinbin, Kristu miet għalina.* [9]*Aktar u aktar mela, billi aħna iġġustifikati b'demmu, inkunu salvati mill-għadab permezz tiegħu.* [10]*Għax jekk, meta konna egħdewwa, konna rikonċiljati ma' Alla bil-mewt ta' Ibnu, aktar u aktar, billi aħna irrikonċiljati, inkunu salvati bil-ħajja tiegħu.*" (Rumani 5:6-10).

Pawlu jfakkar lill-Kristjani ta' Kolossin dwsar x'kienet il-kondizzjoni spiritwali tagħhom u x'saret wara li hum akienu kkonvertew lejn Ġesù: "*U intom, li darba kontu mbegħdin u għedewwa fi ħsiebkom bl-opri ħżiena, issa ħabbibkom; Fil-ġisem ta' laħam permezz tal-mewt, biex jippreżentakom qaddisin u bla tebgħa u bla għajb quddiemu*" (Kolossin 1:21-22). Dak li hu minnu dwar il-Kolossin huwa wkoll minnu għal dawk kollha li jappartjenu għal Ġesù. Tliet punti jiddu fir-rimarki ta' l-appostlu Pawlu: (1) Alla jagħmel it-tħabbib, ir-rikonċiljazzjoni, (2) Il-mewt ta' Kristu tagħmel

ir-rikonċiljazzjoni possibbli, (3) Ir-rikonċiljazzjoni ġġiegħel jew tagħmel kapaċi lill-Kristjani biex jersqu jew ikunu ppreżentati quddiem Alla qaddisa, safja u bla tebgħa, u ħielsa mill-akkuża. Dawn il-barkiet mhumiex magħmula minn nfusna. L-appostlu Pawlu jgħid, "Dak kollu ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu…" Tħabbib huwa r-riżultat ta' Alla "bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom kontrihom" (2 Korintin 5:18-19). Kull tebgħa ta' dnub li darba offendiet lil Alla ġiet imneħħija permezz ta' Ġesù Kristu.

Ma kienx ta' sorpriża għalija matul wara li jiena sirt Kristjan tat-Testment il-Ġdid u bdejt nimxi fuq it-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa, il-Kelma ta' Alla, u mhux fuq it-tagħlim tal-bnedmin, kif kont qiegħed nagħmel qabel, li nisma' nies jesprimu għaġeb dwar xi jgħid il-veru Evanġelju ta' Kristu. Ma kinetx xi ħaġa mhux tas-soltu għalihom biex igħidu li hemm xi ħaġa dubjuża dwar it-tagħlim tal-Purgatorju. Iżda meta l-fidi tagħna tiffoka fuq Ġesù, imbagħad id-dubju jin bidel f'tama kunfidenti. Il-Bibbja tiddikjara, "*Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin, li hu biss xbieha tas-santwarju veru, imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla.*" (Lhud 9:24).

Hawn għandna nieqfu ftit u naraw sewwa xi jgħid u x'jgħallem dan il-vers ta' l-Iskrittura. Mhux bħas-sagrifiċċji offruti mill-qassisin fit-tempju f'Ġerusalem, Ġesù, li huwa s-sagrifiċċju tagħna, daħal fil-preżenza ta' Alla fis-smewwiet "għalina." Hija dik il-kelma ħafifa, "għalina" li tiggarantixxi d-dar tagħna fis-smewwiet meta aħna mmutu. Billi jiena naf li meta mmut Hu jeħodni fis-smewwiet. Jiena naf li jien midneb, imma jiena wkol naf li għandi Salvatur. Barra minn dan, jiena naf li meta l-Missier jaċċetta lil Ġesù, Hu jaċċetta lil dawk kollha li lilhom Ġesù jirrappreżenta. Dan jin-kludi lili! Ġesù ma kellux għalfejn igħaddi żmien fil-Purgatorju qabel ma l-Missier jaċċettah. Lanqas jien, u lanqas ħadd. Dak li hu tassew dwar Kristu huwa wkoll tassew għal dawk li huma ta' Kristu. Il-purifikazzjoni li aħna naħtieġu kienet miksuba permezz tal-mewt ta' Ġesù Kristu, mhux permezz tal-fjammi tal-Purgatorju.

Kienet din il-verità li ġiegħlet lil l-appostlu Pawlu jgħid lill-Kristjani ta' Ruma, "*…għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.*" Rumani 5:1). Sliem ma' Alla mhuwiex wegħda futura. Dan huwa hawn u issa. Is-sliem m'għandu xejn x'jaqsam b'ma kif aħna nħossuna. Paċi ma' Alla teżisti għaliex Hu ma jsib xejn offensiv fina. Is-Salvatur tagħna neħħa d-dnubiet kollha tagħna. Ukoll meta aħna nħossuna b'qalbna sewda u spiritwalment baxxi—u min minna ma jħossux hekk f'xi waqtiet—il-paċi tagħna ma' Alla hija ċerta għaliex Ġesù "nnifsu hu l-paċi tagħna." Ġesù kiseb is-sliem tagħna "permezz ta' demmu, imxerred fuq is-salib" (Efesin 2:14; Kolossin 1:20).

Il-kliem ta' l-appostlu Pawlu jżid konfort addizzjonali meta huwa jgħid, "*Issa mela mhemm ebda kundanna għal dawk li huma fi Kristu Ġesù*" (Rumani 8:1). Ebda kundanna! Din hija dikjarazzjoni ta' l-innoċenza totali tagħna quddiem Alla. Biex jinforza din il-verità ta' l-għaġeb, Pawlu jagħ-mel serje ta' mistoqsijiet rettotriċi, waħda minnhom hija, "[33]Min se jakkużana l-magħżulin ta' Alla?..." (Rumani 8:33). Kull akkuża li tista' tinġieb kontra xi wieħed li hu ta' Kristu hija mwieġba billi turi għall-mewt ta' Kristu, li ħallas għal kollox il-penalità għal dak id-dnub.

Ħalli nfisser aktar ċar iċ-ċertezza ta' maħfra sħiħa b'eżempju. Wieħed kien imdaħħal f'biċċa negozju ma' kumpanija u ħallashom mill-ewwel għas-servizz tagħhom. Iżda matul xi ġimgħat wara huwa rċieva kontijiet li kien mitlub biex iħallas. Għal l-ewwel il-kumpanija bdiet tfakkru bil-kelma t-tajba iżda wara beda t-theddid li kienu se jittieħdu proċeduri legali kontra tiegħu. Fl-aħħar wara ħafna ġiri u sforzi l-

problema ġiet sovuta (il-kompjuter tagħhom mar ħażin). Jiena kont naf li l-kumpanija ma kellha l-ebda każ kontra tiegħi għaliex jiena kelli fil-pussess tiegħi rċevuta li kienet turi li kollox kien imħallas.

L-istess, il-Kristjani jippossjiedu rċevuta li tgħid li l-ħlas *kollu* għal dnu-bietna kien imħallas permezz tal-Ħaruf ta' Alla. Id-dejn tagħna ġie mimsuh nadif u xejn ma baqa' li għad irid jitħallas! Il-ħatja huma ddikjarati innoċenti. Kif il-Purgatorju jista' jkun iġġustifikat fid-dawl ta' ordni ta' xhieda bħal din?

Madankollu, ukoll f'dan il-waqt, xi wħud fuq qalbhom mhumiex lesti li jabbandunaw it-twemmin tagħhom fil-Purgatorju. Argument komuni huwa li aħna ma jixirqilniex li mmorru fis-Smewwiet (il-Ġenna) mingħajr ma l-ewwel ngħaddu xi żmien ta' purifikazzjoni fil-Purgatorju. Is-sinċerità ta' kliem bħal dan ma hemmx dubju dwarha. Jiena wkoll spiss għedt l-istess ħaġa. Jiena tassew kont naħseb li kont inkun qiegħed nobdi lill-Mulej meta niddefendi l-Purgatorju. Kummenti bħal dawn kixfu nuqqas li tifhem x'akkwista s-sagrifiċċju ta' Ġesù Kristu. Ebda wieħed minna ma jixraqlu li jmur fis-Smewwiet. Kien jixirqilna kastig ta' dejjem għal dnubietna. Imma Alla, fl-imħabba kbira Tiegħu lejna, ma jagħtinhiex dak li ħaqqna u jixi-riqilna. Minflok, Hu tana lil Ibnu li l-mewta Tiegħu fuq is-Salib tħallas il-penalità għad-dnubiet kollha li aħna għamilna. Il-ħlas Tiegħu jgħamilha possibbli għallina biex immorru fis-Smewwiet (Ġenna) meta aħna mmutu. Aħna għandna l-Kelma ta' Alla li dan huwa fil-fatt il-każ. Tiddubitawħx!

### *3. It-Tweġiba Kattolika*

Xi provi toffri l-Knisja Kattolika Rumana bħala appoġġ għad-duttrina tagħha tal-Purgatorju? L-aktar test li jinġieb bħala prova mill-Iskrittura biex jiġġustifika t-tagħlim tal-Purgatorju huwa dak li jinsab f'wieħed mill-kotba apokrifi fit-Testment il-Qadim. Dan huwa t-Tieni Makkabin 12:46. Dan jgħid hekk: "*Għalhekk offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom.*" Hemm tliet punti li għandhom isiru dwar dan il-ktieb:

L-ewwel, il-ktieb tal-Makkabin *qatt* ma ffroma parti mil-Liġi Kanonika (canon) ta' l-Iskrittura, u dan il-Knisja Kattolika Rumana tafu tajjeb. Aħna għandna l-awtorità ta' Ġesù għal dan. Ġesù approva biss id-39 ktieb ta' Skrittura tat-Testment il-Qadim bħala kanoniċi. Isma' x'għandu xi jgħid il-Mulej dwar dan: "*U beda minn Mosè u l-profeti kollha jifisrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu… Jeħtieġ li jseħħ kullma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi*" (Luqa 24:27, 44).)

It-tieni, il-ktieb tal-Makkabin *qatt* ma għamel xi pretensjoni li huwa ispirat minn Alla. Fil-fatt, il-kittieb innifsu bil-miftuh għal kollox igħid li huwa jittama lix-xogħol tiegħu ma tanx għandu difetti fih. "F'dan il-waqt," huwa jikkummenta hekk,

> "*…hawn jien ukoll nieqaf bl-istorja tiegħi. Jekk inhi miktuba tajjeb u mqassma bis-sengħa, dan li kont nixtieq; jekk ħarġet* ***kajmana u nofs kedda, dan li stajt nagħmel***" (2 Makkabin 15:37-39; enfasi tiegħi).

"***Jekk ħarġet kajmana u nofs kedda, dan li stajt nagħmel.***" Dan ċerta-ment ma jinstamax bħala bniedem li qiegħed jikteb b'ispirazzjoni minn Alla! Temmen int li Alla jista' jispira lil xi bniedem biex jikteb b'mod "*kajman u nofs kedda*"? Possibbli t-teoloġi Kattoliċi Rumani dan ma jarawħx? Ma niskantax li dan il-ktieb *qatt* ma kien meqjus bħala Skrittura Mqaddsa. Madankollu, il-Knisja Kattolika Rumana żżomm ma' dan il-kliem biex tipprova tiġġustifika t-tagħlim falz tagħha tal-Purgatorju.

It-tielet, il-ktieb jikkontradixxi d-duttrina Kattolika Rumana. Il-ktieb igħid dwar is-suldati maqtula ta' Iżrael, *"...il-ħsieb tiegħi kien qaddis u twajjeb. Għalhekk offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom.*" (2 Makkabin 12:45). Dawk li mietu kienu misjuba bl-idoli fil-pussess tagħhom (v. 40). Skond it-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana, l-idolatrija hija dnub mejjet, mhux dnub venjal. Waqt li huma mietu dawn marru fl-infern, li minnu ma hemm ebda ħelsien! (Rivelazzjoni 22:15)

Huwa ċar minn din l-analiżi fil-qosor li "t-test ta' prova" prinċipali f'relazzjoni għad-duttrina tal-Purgatorju mhu aċċettabbli xejn!

<u>**Kif Se Nkunu Ġġudikati?**</u>

Kif aħna lkoll se nkunu ġġudikati u fuq xhiex se nkunu ġġudikati? Wara li tkun qrajt dawn l-Iskrittura kollha li hawn taħt, ara jekk hemmx xi lok għall-post imsejjaħ Purgatorju!

1. <u>**Ekkleżjażti 12:13-14**</u> – "*Il-konklużjoni, wara li kollox instama', hi:* ***Ibża' minn Alla, u ħares il-kmandamenti tiegħu****: għax dan hu d-dmir ta' kull bniedem. Għax Alla jagħmel ħaqq minn* ***kulma <u>jsir</u>****, minn kull ħaġa moħbija, sew tajba, u sew ħażina.*"

2. <u>**Ġeremija 17:10**</u> – "*Jien il-Mulej, infittex fil-qalb, u ngħarbel il-moħħ, biex nagħti lil kulħadd* ***skond triqatu****, u* ***skond il-frott ta' <u>egħmilu</u>****.*"

3. <u>**Dewteronomju 24:16**</u> – "*M'għandekx tagħti l-mewt lill-missirijiet minħabba wliedhom, jew lill-ulied minħabba missirijiethom. Agħti l-mewt lil kulħadd* ***għal dnubu****.*"

4. <u>**Ġob 19:4**</u> – "*U jekk tassew li jien żbaljajt, l-iżball tiegħi jibqa' miegħi nnifsi.*"

5. <u>**Proverbji 9:12**</u> – "*Jekk int għaref, lilek jiswa, jekk int insolenti,* ***int biss*** *tbati.*"

6. <u>**Ġeremija 31:29-30**</u> – "*F'dawk il-jiem ma jgħidu iżjed: 'il-missirijiet kielu l-għeneb qares, u ddarrsu snien l-ulied.' Iżda* ***kull wieħed imut għal dnubu****; kull min jiekol l-għeneb qares, jiddarrsu snienu.*"

7. <u>**Eżekjel 18:1-4, 20**</u>– "*Il-Kelma tal-Mulej reġgħet ġiet għandi, tgħid: 'Xi tridu tgħidu b'dawl-qawl dwar art Iżrael, billi tgħidu: Il-missirijiet kielu għeneb qares, u snien it-tfal iddarrsu? Daqskemm jien ħaj, igħid Sidi l-Mulej, intom ma jkollkomx okkażjoni li tgħidu iżjed dal-qawl f'Iżrael. Ara, l-erwieħ huma kollha tiegħi; bħal ruħ il-missier, hekk ukoll ruħ l-iben hija tiegħi:* ***ir-ruħ li tidneb tmut****.*" ([Għ. B. M.] – "*Min* ***<u>jagħmel</u>*** *id-dnub,* ***hu*** *jmut...*[20]*Ir-ruħ li tidneb tmut, L-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta'missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

8. **Mattew 12:36-37** – *"U ngħidilkom li l-bnedmin f'jum il-ħaqq għad iridu jagħtu kont ta' kull kelma fiergħa li jkunu qalu, għax minn kliemek tkun iġġustifikat,* ***u min kliemek tkun ikkundannat.****"*

9. **Mattew 16:27** – *"Għax bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed* ***skond ma wieħed ikun għamel.****"*

10. **Mattew 18:23** – "Għalhekk is-saltna tas-smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu." (Il-parabbola tal-qaddej li ma ħafirx).

11. **Mattew 25:31-46** – *"Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż; in-ngħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja….*[40-41] *U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidil-kom, kull ma* ***għamiltu*** *ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti,* ***għamiltuh*** *miegħi.' Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn qud-diemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li thejja għax-xitan u għal l-anġli sħabu…. Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma* ***għamil-tux*** *ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma* ***għamiltuh****. U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."*

12. **Ġwanni 5:26-29** – *"Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu,* ***u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq****, għax hu Bin il-bniedem.* ***Tistagħġbux b'dan****: tiġi siegħa meta dawk* ***kollha*** *li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu* ***għamlu t-tajjeb*** *iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu* ***għamlu l-ħażin*** *iqumu għall-kundanna."*

13. **Ġwanni 8:34** – *"…Kull min* ***jagħmel*** *id-dnub huwa lsir tad-dnub"*

14. **1 Ġwanni 3:4** – *"Kull min* ***jagħmel*** *id-dnub jikser ukoll il-liġi; għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi."*

15. **Ġakbu 4:17** – ***"Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu*** *jagħmel* ***u ma*** *jagħmlux, jagħmel* ***dnub."***

16. **Rumani 14:12** – *"Għalhekk* ***kull wieħed minna*** *għad jagħti kont* ***tiegħu nnifsu*** *lil Alla."*

17. **2 Korintin 5:10** – *"Kull wieħed jieħu* ***skond*** *it-tajjeb jew il-ħażin* ***li jkun għamel*** *meta kien għadu ħaj fil-ġisem."*

18. __Apokalissi 20:13__ – "*...u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu* ***fuq __l-għemejjel__ tiegħu.***"

19. __Galatin 6:7__ – "*Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd.* ***Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad***"

20. __Apokalissi 20:12-14__ – "*U l-mejtin sar ħaqq minnhom* ***fuq l-__għemejjel__ tagħhom*** *skond ma kienu mniżżla fil-kotba...u kull wieħed minnhom sar ħaqq minnu* ***skond __l-għemejjel__ tiegħu***"

21. __Apokalissi 22:12__ – "*Ara, jiena ġej dalwaqt, u miegħi nġib il-ħlas ħalli rrodd lil kull wieħed skond ma ħaqqu* ***għal __għemilu.__***"

22. __Apokalissi 22:15__ – "*Jibqgħu barra l-kliem u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, l-idolatri u dawk kollha li jħobbnu l-qerq u* ***__jagħmluh__***."

> "*Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu* ***__jagħmel__*** *u ma* ***__jagħmlux__, __jagħmel__*** *dnub*" (Ġakbu 4:17).

### *4. Il-Konsegwenzi Ta' Twemmin fil-Purgatorju*

Il-Purgatorju jħalli ftit wisq spazju għal xi ferħ tasssew fil-ħajja ta' individwu. Il-biża' li tmut u tingħaqad ma' erwieħ fit-tbatija fil-Purgatorju hija dejjem preżenti. Ukoll l-aktar persuna ferventi li temmen fil-Purgatorju ma tħarisx 'il quddiem f'li tissieħeb mas-serbut ta' dawk l-erwieħ fit-tbatija. Li tkun taf li dnub vejnali wieħed jista' jibgħatek fil-Purgatorju huwa prospett tal-biża'.

Konsegwenza oħra, serja tal-Purgatorju għandha tiġi eżaminata. Biex igħin lill-Kristjani ħalli jaraw l-iżball tal-modi tagħhom, l-appostlu Pawlu spiss wera lilhom il-konsegwenzi tat-twemmin tagħhom. Bħala eżempju, meta l-Evanġelju kien qiegħed jiġi mħassar minn nies legalisti, li kienu qegħdin jidħlu u jordnaw fil-knisja, Pawlu kixef it-tagħlim falz tagħhom. Xi wħud bdew igħidu li l-opri ta' individwu wassluh fis-Smewwiet. Fil-wiċċ, dan kien jidher innoċenti biżżejjed. Iżda, ħarsa aktar fil-qrib turi li dan kien qiegħed jimmina minn taħt dak li Ġesù kiseb permezz tal-mewt Tiegħu. Pawlu rraġuna li jekk persuna tkun tista' tiġi salvata bl-opri tagħha (id-devozzjoni tagħha għad-dmir reliġjuż) kien hemm biss konklużjoni waħda li kienet tista' ssir—"Kristu miet għalxejn!" (Galatin 2:21). Jew waħda jew l-oħra, Pawlu jgħid. Jekk aħna nistgħu nikkontribwixxu lejn is-salvazzjoni tagħna nfusna, allura l-mewt ta' Kristu ma kinetx neċessarja.

Li temmen fil-Purgatorju huwa li temmen li l-mewt ta' Ġesù ma ħafritx u ma ħelsitx il-kastig kollu minħabba dnubietna. Fi kliem ieħor, il-mewt ta' Ġesù Kristu ma għamlitx ix-xogħol komplut, sewwa! Aħna għandna xorta waħda rridu nikkont-ribwixxu għas-salvazzjoni tagħna nfusna billi nsofru, permezz tat-tbatija. Jekk xi ħadd iwieġeb li l-mewt ta' Ġesù Kristu kisbet il-maħfra tagħna, imbagħad jiena nistaqsi: "Mela għaliex wieħed xorta għad jeħtieġ li jmur fil-Puragtorju? Ma nistgħux li jkollna żewġ toroq. Jew permezz tal-mewt ta' Ġesù Kristu s-Salvatur tagħna kiseb għalina *maħfra sħiħa* (u li hekk għamel) jew le!

Il-Purgatorju la huwa raġjunevoli u lanqas Skritturali minħabba li:

1. Dan jattribwixxi għan-nar kwalità speċjali li tippurifika.

2. Dan jattribwixxi għall-opri tal-bniedem is-setgħa biex iqassar il-kastig.
3. Dan jagħraf li l-bnedmin mortali għandhom is-setgħa biex jaħfru d-dnubiet.
4. Dan jeqred il-motivi kollha għal l-indiema meħuda mill-qosor u n-nuqqas ta' ċertezza tal-ħajja.
5. Dan jinjora dak l-istat li wieħed ma jiċċaqlaqx minnu li l-mewt titfa' fih lil kull karattru (Ekkleżjażti 11:3; Rivelazzjoni 22:11).
6. Dan jagħmel pont fil-Vojt Kbir, li Kristu qal li hemm iffissat u li ma jista' ħadd jaqsmu (Luqa 16:26).
7. Dan jiftaħ il-bieb li Ġesù qal li jingħalaq (Mattew 25:10).
8. Dan iħassar u jħażżen it-tpattija ta' Kristu, li ħallas b'demmu, billi jid-dikjara li l-bniedem jista' jlesti, jispiċċa dak li l-pjan ta' Alla naqas milli jwettaq.
9. Dan jagħti lill-bniedem it-tieni ċans.
10. Dan ma jifforma l-ebda parti mit-tagħlim ta' Kristu, ta' l-appostli, jew ta' xi individwu ispirat ieħor tat-Testment il-Ġdid.

Id-duttrina falza tal-post hekk imsejjaħ Purgatorju (li fil-Bibbja Mqadd-sa dan l-isem imkien ma huwa msemmi), tifforma waħda mill-aktar skemi ikkummerċjalizzati fl-istorja tal-bniedem. Ieqaf ftit u aħseb għall-mument dwar is-sagrifiċċji kbar li inti tkun lest li tagħmel, jekk inti tkun imġiegħel biex temmen li flusek, il-quddies magħmula mill-qassis Kattoliku Ruman, u ħwejjeġ oħra, jkunu jistgħu jnaqqsu u jeħilsu lil xi ħadd mill-maħbubin tiegħek minn dawk il-fjammi ta' dak il-post. Ma tkunx lest int li tonfoq sa l-inqas ċenteżmu biex tagħmel dan?

Hemm tama għal kull wieħed minna, ħażin kemm hu ħażin. Ma hemm l-ebda dnub li l-Mulej ma jaħfirx lil min ikun penitenti u jobdi dak li l-Mulej ordna biex wieħed jagħmel ħalli jsalva (Mattew 28:18-19; Mark 16:16; Luqa 24:47; Atti 2:38).

Aħna rajna li, fil-mewt Tiegħu, Ġesù Kristu kiseb għalina maħfra sħiħa għal dnubietna. Barra minn hekk, fil-mewt Tiegħu, Ġesù irrikonċiljana, ħabbibna ma' Alla. Ġesù jagħmilna ħbieb ma' Alla billi jidher quddiem il-Missier għalina. L-approvazzjoni tal-Missier ta' Ġesù tiggarantixxi li kull wieħed u waħda minna nkunu wkoll aċċettati mill-Missier. Minħabba dak li l-mewt ta' Ġesù kisbet, aħna nistgħu nkunu ppreżentati quddiem Alla bħala mingħajr ebda dnub.

Il-Purgatorju jneħħi l-kisbiet li Kristu kiseb għalina fuq is-salib u minħabba dan għandu jiġi mwarrab b'favur ta' dak li l-Iskrittura tgħallem li turina għal Ġesù, li miet ħalli b'hekk aħna nkunu nistgħu niġu ippreżentati mingħajr l-ebda ħtija, l-ebda tebgħa tad-dnub quddiem Alla—mhux għaliex jistħoqqilna, imma għaliex, kif jgħid-ilna l-kittieb ispirat, "*huwa jista' jsalva għal kollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom*" (Lhud 7:25). Barra minn dan, l-appostlu Pawlu jgħid li Alla "*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet*" (Kolossin 1:13-14).

## IL-PURGATORJU U 1 KORINTIN 3:15
## (It-Tieni Parti)

Id-duttrina tal-Purgatorju fil-Knisja Kattolika Rumana hija spjegata f'din l-istqarrija mit-Tieni Konċilju Vatikan, p. 63, li jgħid,

> Il-verità kienet irrivelata divinament lid-dnubiet huma sewiti bil-kastigi. Il-qdusija u l-ġustizzja ta' Alla tikkastigahom. Id-dnubiet għandhom ikunu mħallsa. Dan jista' jkun magħmul fuq din l-art permezz ta' niket, miżerji, u tiġrib ta' din il-ħajja, u fuq kollox, permezz tal-mewt. Inkella il-ħlas ikollu jsir fil-ħajja ta' wara permezz tan-nar u turmenti jew kastigi li jippurifikaw.

Din it-duttrina tal-Purgatorju tiċħad is-suffiċjenza u l-effikaċja sħiħa tas-sagrifiċċu bi tpattija ta' Kristu. Li xi ħadd igħid li dnubietna huma mħallsa bit-tbatija tagħna huwa insult kbir għas-salib ta' Kristu billi dan igħid lis-salib ma kienx biżżejjed biex inaddafna minn dnubietna. Dan igħid li wieħed għandu jsofri, li aħna għandna nagħmlu xi ħaġa biex ikollna dnubietna mnaddfa għal kollox. Imma l-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna mod ieħor. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna lis-sagrifiċċju ta' Ġesù waħdu huwa dak li jiġġu-stifika u jneħħi minna l-ħtija kollha. Aħna nħarsu lejn is-salib u lejn is-salib biss għall-maħfra kompluta ta' dnubietna u, għalkemm l-opri tagħna f'xi jum ikunu ġġudikati, aħna għaddejna mill-kundanna. L-appostlu Pawlu jgħid, "*Issa mela mhemm ebda kundanna għal dawk li huma fi Kristu Ġesù*" (Rumani 8:1). Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? L-opri tagħna jirriflettu fuq premju **fis**-Smewwiet, mhux biex jeħduna fis-Smewwiet. Ġesù rafa' d-dnubiet kollha tagħna. L-appostlu Pietru jgħid, "*Hu stess rafa' dnubietna f'ġismu fuq il-għuda, biex aħna, mejtin għal dnubietna, ngħixu għall-ħaqq: bil-ġrieħi tiegħu intom kontu mfejqa*" (1 Pietru 2:24). Ma baqa' ebda dnubiet għall-purgatorju biex jitnaddfu għaliex dan kien kollu magħmul minn Ġesù fuq is-salib. Dan hu għaliex Ġesù qal, "Kollox mitmum," (Ġwanni 19:30). It-terminu Grieg "kollox mitmum" huwa "tete-lestai." Kien terminuwżat f'kuntesti legali biex igħid lid-dejn kien imħallas għalkollox. Rċevuti tal-papiru għat-taxxi kienu nstabu bil-kelma *tetelestai* miktuba fuqhom, li tfisser, "imħalla għalkollox." (Walvoord, John F., and Zuck, Roy B., *The Bible Knowledge Commentary*, (Wheaton, Illinois: Scripture Press Publications, Inc., 1983, 1985). Għalhekk, ma hemm ebda bżonn għall-Purgatorju.

Madankollu, billi l-Kristjani tat-Testment il-Ġdid jappellaw biss għall-Bibbja, il-Kattoliċi fittxew biex isibu d-duttrina fil-Bibbja fil-paġni tagħha. Vers wieħed bħal dan huwa **1 Korintin 3:15**. "*Jekk ix-xogħol ta' bniedem jinħaraq, ibati l-ħsara: iżda hu nnifsu jkun salvat; imma qisu bin-nar.*"

Bħal kull vers fil-Bibbja, biex wieħed jifhmu sewwa, dan għandu jħares lejh fil-kuntest Bibliku tiegħu. F'dan il-kuntest hemm **1 Korintin 3:10-15**,

> "[10]*Skond il-grazzja ta' Alla mogħtija lili, bħala mgħallem tal-bennejja għaref, jien qegħidt is-sisien, u ħaddieħor bena fuqu. Imma ħa jara kull bniedem kif jibni fuqu.* [11]*Għax pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed, barra minn dak li huwa mqiegħd, li huwa Ġesù Kristu.* [12]*Issa jekk xi ħadd jibni fuq dawn is-sisien, deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, għawwied, ħuxlief, tiben;* [13]*Ix-xogħol ta' kull bniedem jidher: għax il-jum igħarrfu, għax jinkixef bin-nar; u n-nar iġarrab x'jiswa x-xogħol ta' kull bniedem.* [14]*Jekk ix-xogħol ta' kull bniedem iżomm fuq dak li jkun bena,*

*jieħu l-ħlas.* [15]***Jekk ix-xogħol ta' bniedem jinħaraq, ibati l-ħsara: iżda hu nnifsu jkun salvat; imma qisu bin-nar.***"

Il-kuntest jitkellem dwar Pawlu li kien ħawwel il-knisja ta' Korintu u li persuna oħra kienet qed tibni fuq dak ix-xogħol: Pawlu jkompli jgħid li sakemm persuna ma tibnix fuq il-pedament ta' Ġesù, ix-xogħol tagħha jkun maħruq fil-jum tal-ġudizzju (v. 13. Ara wkoll 1 Korintin 5:5; 2 Korintin 1:14; 1 Tessalonikin 5:2).

Vers 6 jgħid, "*Jiena ħawwilt, Apollos saqqa; iżda Alla hu li kabbar.*" F'li jibda s-suġġett tal-bini ta' Alla, l-appostlu Pawlu jgħid li hu nnifsu kien poġġa l-pedament. Għal dan hu ma jitlob ebda kredtu, għaliex hu għamel dan skond il-grazzja ta' Alla mogħtija lilu (v. 10). Alla ta lil Pawlu dak li hu kien jeħtieġ għal xogħol bħal dan u dan għamlu kapaċi biex ikompli bħala **bennej għaref**. Pawlu kien qiegħed il-pedament billi ppridka lil Kristu li huwa l-uniku pedament veru. Meta oħrajn ġew f'Korintu huma ma kellhomx għalfejn imorru lura u jpoġġu l-pedament kollu mill-ġdid. Ix-xogħol tagħhom kien biex jibjnu fuq dak il-pedament u kull wieħed kellu **jara kif jibni fuqu**. Żewġ klassijiet ta' materjal jistgħu jkunu mibnija fl-istruttura: klassi waħda hija deskritta bħala "deheb, fidda, ħaġar prezzjuż"; l-oħra bħala "għaw-wied, ħuxlief, tiben." Kull għalliem għandu jagħmel l-aħjar tiegħu u għandu jgħallem il-verità ta' Alla kif inhi fi Kristu. Madankollu, ukoll għalkemm dan ikun magħmul, ikun hemm inkorporat fil-bini xi materjal li huwa debboli, dgħajjef. Jekk aħna mmorru lura għall-mument għall-metafora ta' l-agrikoltura, aħna nistgħu naraw li l-aktar bidwi fidil li jiżra', jiżra' xi żerriegħa fuq art kollha blat jew fuq art li fiha jikber ix-xewk (Mattew 13:3-11, 18-23). Madankollu, dan mhuwiex it-tort ta' dak li jiżra'. Lanqas ma huwa t-tort tal-bennej jekk xi wħud mill-materjal idur li jkun injam, ħuxlief, jew tiben. Il-jum jasal meta jkun magħmul muri sewwasew x'xorta ta' materjal kull persuna fil-knisja hija. Il-jum tat-tiġrib bin-nar jista' jkollu riferenza għal jum ta' persekuzzjoni jew għal xi xorta oħra ta' tbatija, jew dan jista' jkollu riferenza għall-jum tal-ħaqq. L-appostlu Pietru jitkellem dwar "bil-ħuġġiegħa li qiegħda tħeġġeġ biex iġġarrabkom," (1 Pietru 4:12) u dwar it-tiġrib "bin-nar" (1 Pietru 1:7) meta kien qiegħed jikteb lill-Kristjani dwar il-persekuzzjonijiet. Pietru żgur li ma kienx qiegħed jitkellem dwar xi purgatorju wara l-mewt! F'kull każ Pawlu jikkontempla żmien meta t-tul taż-żmien ta' xi wħud li l-għalliem ikun ikkonverta, ix-xogħol tiegħu, ikun ittestjat. Jekk dawk li kkonverta jibqgħu sħaħ, hu jkun ippremjat. Il-ferħ li jkun jaf li dawn komplew ikun talinqas parti minn dak il-premju (Filippin 2:16; 1 Tessalonikin 2:19). Imma li jkun jaf li dawk li hu kkonverta ma kkomplewx ikun ifisser telfien kbir għal l-għalliem; hu jkun imnikket meta dawk li jkunu bdew it-tellieqa jaqgħu fil-mogħdija. Iżda, ħaġa bħal din ma tikkawżax lil l-għalliem fidil tal-kelma li jkun mitluf. Hu jkun salvat, **imma qisu bin-nar** (1 Korintin 3:15), jiġifieri, minkejja t-tiġrib ikkawżat bit-telfa ta' dawk li hu kkonverta u kull tiġrib ieħor li hu jista' jgħaddi minnu.

1 Korintin 3:15 ma jgħallimx il-purgatorju bħala post li aħna mmoru fih sabiex ikollna xi dnubiet minn tagħna mnaddfa minna. Dan igħallem li wkoll għalkemm il-persuna hija ġġustifikata bil-fidi li tipproduċi ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla, ma tistax tiffaċċja l-kundanna sakemm hija tibqa' fil-grazzja ta' Alla, imma x-xogħol tagħha jkun iġġudikat "f'dak il-jum." Dawk l-opri li huma tajba jeħlisu n-nirien tal-ġudizzju l-istess bħad-deheb u l-fidda, u ħaġar prezzjuż ieħor. Imma opri foloz ikunu meqruda l-istess kif in-nar jeqred l-injam u t-tiben. Dak li jibqa' m'għandu x'jaqsam

xejn ma' jekk aħna nkunux salvi jew le. Dan għandu x'jaqsam ma' premijiet fis-smewwiet. L-appostlu Pawlu jkompli jgħid fl-**1 Korintin 4:5**,

*"Għalhekk la tagħmlu ħaqq minn xejn qabel il-waqt, sa ma jiġi l-Mulej, li jdawwal il-ħwejjeġ moħbija tad-dlam, u jikxef il-fehmiet tal-qlub; u mbagħad kulħadd jieħu t-tifħir mingħand Alla."*

Innota wkoll, **1 Pietru 1:6-7**,

*"[6]B'dan intom tifirħu ħafna, għalkemm issa għal ftit żmien, jekk jaħtieġ, tiddejqu b'ħafna tiġrib. [7]Biex il-prova tal-fidi tagħkom, billi hija aktar prezzjuża mid-deheb li jintemm, għalkemm hu ippruvat bin-nar, tinstab li ħaqqha tifħir, u ġieh, u glorja, fid-dehra ta' Ġesù Kristu:"*

**2 Pietru 3:10-13**,

*"Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kull ma fiha jkunu mikxufa. [11]Ladarba hekk kollox għandu jintemm, araw daqsxejn kif għandkom iġġibu ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjitkom, [12]Waqt li tistennew b'ħerqa kbira l-miġja tal-jum ta' Alla. Hu minħabba f'dan il-jum li s-smewwiet jinħarqu u jinħallu u l-elementi tad-dinja jinqerdu bin-nar. [13]Madankollu aħna, skond il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda, u art ġdida, li fihom igħammar il-ħaqq."*

Il-Purgatorju huwa duttrina perikoluża li tagħmel is-Salib ta' Kristu mhux suffiċjenti billi jeħtieġ lill-persuna biex tgħaddi minn tbatija sabiex tkun magħmula dehenja li tkun ma' Alla. Dan huwa tagħlim falz u għandu jkun evitat għalkollox.

## ĦWEJJEĠ LI JAGĦMLU N-NIES, LI JIRRABJAW LIS-SULTAN
## (It-Tielet Parti)

Aħna nafu lit-tagħlim tal-Purgatorju kien introdott fiż-żminijiet tan-nofs meta l-massa injoranta kienet mgħallma mill-Knisja Kattolika Rumana.

It-tagħlim tal-Purgatorju kien 'magna li tagħmel il-flus' għall-knisja, għaliex huma kienu jimpalaw somom kbar ta' flus billi jorbtu t-tagħlim tal-purgatorju u l-bejgħ ta' l-indulġenzi. Huma kienu 'jibiegħu l-prodott tagħhom' billi kienu jgħallmu lin-nies f'forma ta' poeżija, waħda li bejn wieħed u ieħor kienet tradotta hekk:

*'Kif il-munita tolqot il-qiegħ ta' din il-kaxxa, ruħ titla' fis-Smewwiet mill-Purgatorju.'*

Kif iż-żmien għadda, il-massa 'injoranta' bdiet tikber inqas injoranta, għalhekk il-knisja warrbet il-bejgħ ta' l-indulġenzi, imma żammet it-tagħlim tal-purgatorju. Għaliex? Għaliex huma kienu jafu li ma jistgħux iwarrbu dan it-tagħlim, għaliex ħafna (inkluż membri tal-kleru minn tagħhom stess) kienu poġġew il-fidi tagħhom f'dan ilt-tagħlim.

### ***Argument #1***

X'inhu rigal? 'Rigal' huwa mfisser bħala xi ħaġa mogħtija **bla ebda ħlas**. Kif taraha int jekk inti tistedinni għar-riċeviment tiegħek ta' għeluq snienek u jiena nġiblek rigal, imma **nitolbok biex tħallasni!**

**Kif tħossok int?**

Ir-riġal li jiena nkun ġibt ma jibqax aktar '*rigal*' kif imfisser fuq, billi jiena nkun tlabt għal xi ħaġa bħala ħlas.

**Argument #2**

Xi ngħidu li kieku xi ħadd li inti tħobb ikun jixtieq karozza (jew xi ħaġa oħra tad-dar) ġdida. Inti ssir taf dwar dan, għalhekk int taħdem u tirsisti s-sena kollha, tfaddal u ma tonfoq xejn għalik innifsek biex b'hekk tkun tista' tixtri dik il-karozza għall-maħbuba tiegħek.

Meta jasal il-jum li inti fl-aħħar ikollok flus biżżejjed biex tixtri karozza ġdida, tmur malajr u tixtriha, tmur lura malajr u tippreżentaha lil min tħobb.

Dik il-persuna li inti tħobb, minflok ma **tirringrazzjak** talli xtrjatilha karozza ġdida, ripetutament tistaqsik, **kemm għandi nagħtik** għal dan ir-rigal.

**Kif tħossok int?**

Missierna li hu fis-Smewwiet tana r-**rigal** ta' Ibnu, **bla ebda ħlas**. Dak kollu li aħna għandna nagħmlu huwa li nemmnu u nobdu dak li Hu kkmandana biex nagħmnlu u nkunu salvi. XEJN AKTAR, XEJN INQAS.

Li tqiegħed il-fidi tiegħek f'tagħlim li jgħid li int **għad trid issofri** f'post ta' niket għal numru ta' snin, qabel ma tkun aċċettat fis-Smewwiet (Ġenna) huwa tagħlim falz u mhux Skritturali.

Dawk kollha li aċċettaw il-Kelma ta' Alla u obdewha (Mattew 7:21; Luqa 6:46; Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; Lhud 5:9) qegħdin fis-Saltna tas-Smewwiet—u jgawduha, sewwasew hawn, waqt li qegħdin fuq din l-art (Kolossin 1:13-14)

Li temmen li int għandek tbati f'xi post, ifisser li int qiegħed tagħmel **xogħol żejjed biex tikseb is-salvazzjoni**. Dan ifisser lit-tbatija ta' Kristu li kienet magħmula għalik, ma kinetx biżżejjed, u (agħar minn hekk), ir-rigal ta' Dak li bagħat lil Kristu biex imut għalik **mhuwiex ta' sodisfazzjon** għalhekk int għandek iġġibu fuqek innifsek biex tbati ħalli tikseb is-salvazzjoni.

Kif wieħed jista' jara, dan it-tagħlim **ħelu ħelu jġib fix-xejn il-fidi tiegħek fi Kristu**. Ukoll, il-konċett ta' '*rigal*' mogħti bla ħlas minn Mis-sierna, huwa miġjub fix-xejn, għaliex int għandek **taħdem**, sabiex tgawdi r-rigali Tiegħu lilek.

Aħna mwissija ripetutament fl-Iskrittura biex **noqgħodu attenti** mill-għalliema foloz, li **b'mod sigriet** jintroduċu tagħlim qerriedi. Kif wieħed jista' jara, dawn it-twissijiet huma reali. (Dewteronomju 13:1-6; 18:20-22; Mattew 5:19; 7:15; 15:2-20; 23:2-33; 24:24; Mark 13:22; 2 Korintin 11:13-15; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; 2 Tessalonikin 2:8-12; 1 Timotju 4:1-3; 2 Timotju 3:13; Titu 3:13; Rivelazzjoni 13:11-14; 16:11-14; 16:12-16; 19:19-20).

Aħna konna mwissija fil-Iskrittura biex **inkunu għassa** għal l-għalliema foloz, li **b'mod sigriet** jintroduċu tagħlim qerriedi. Kif wieħed jista' jara, din it-twissija hija reali.

FATT:

> *"Għax nies bħal dawn huma **appostli foloz, ħaddiema qarrieqa**, billi jbiddlu lilhom infushom f'appostli ta' Kristu. [14]Mhux għaġeb, għax Satana stess **jitbiddel f'anġlu tad-dawl**. [15]Mhix ħaġa kbira mela,*

*jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek* ***bħallikieku kienu qaddejja tal-ġustiz-zja****. Iżda tmiemhom ikun skond għemilhom*." (2 Korintin 11:13-15).

Dawn in-nies għandhom l-iskop li **jikkumplikaw iżżejjed** idea sempliċi ħafna. Dan hu biex jippruvaw jagħmluk taħseb: '*minħabba l-kumplessità tagħha, din għandha tkun minn Alla*'.

***Il-fatt sempliċi li int tista' tidħol is-Saltna tas-Smewwiet illum, mingħajr ma jkollok l-ewwel 'TMUT', iġib fix-xejn it-tagħlim tal-Purgatorju.***

## L-INDULĠENZI TA' JOHN TETZEL
## (Parti Erbgħa)

**Deskrizzjoni:** Il-prattika tal-bejgħ ta' "indulġenzi" hija parti ta' l-istorja maħmuġa tal-Kattoliċiżmu. Dan l-istudju qasir jittratta ma' inċident tad-daħk fil-ministeru ta' John Tetzel, karrattru wsieħed traġiku f'dan il-moviment apostatiku.

Matul l-era tar-Riforma Protestana, ċerti kelriċi Kattoliċi Rumani applikaw il-prattika tal-"qrar fil-widna" (tqerr is-dnubiet f'widnejn il-qassis) biex ikabbru l-għajnuna finanzjarja tagħhom u dik tal-Knisja. Kien mgħallem b'mod komuni (u għadu hekk) li permezz tal-"konfessjonarju," ħelsien mill-ħtija, u ħelsien minn kastig etern, ikunu jistgħu jinkisbu.

Fl-istess waqt, kien emmnut li l-midneb ikun meħtieġ li jarfa' l-penalità ta' kastig **temporali**. Dan il-kastig ikun mogħti jew f'din il-ħajja, jew fil-purgatorju.

In-nies li kkontribwixxew għal din id-domma (li hija totalment mingħajr appoġġ Bibliku) b'hekk fittxew serħan mill-anzjetà tal-prospett ta' turment fil-purgatorju. F'dan il-punt tidħol id-domma dwar "l-indulġenzi."

"Indulġenza" hija wegħda tal-maħfra ta' **kastig temporali** fuq il-bażi ta' ċerti "opri tajba" preskritti, eżempju, sawn, talb, pellegrinaġġi, eċċ. Fil-biċċa l-kbira, iżda, kien allegat li l-uġigħ tal-purgatorju jista' jkun imnaqqas permezz tal-ħlas tal-flus fit-teżorerija tal-Knisja. Il-bini tal-Katedral ta' San Pietru fil-Vatikan, Ruma, kien parti minnu iffinanzjat mill-bejgħ ta' l-indulġenzi.

Il-Papa Ljun X (1513-21 W.K.) ikkummissjona lil John Tetzel, patri Dumnikan, biex jivvjaġġa matul il-Ġermanja ħalli jbigħ l-indulġenzi għall-Knisja. Tetzel iddikjara li kif il-muniti "jċekċku" fil-kaxxa tal-flus tiegħu, l-erwieħ ta' dawk li minnhom kienu nxtraw l-indulġenzi jtiru barra mill-purgatorju.

Dawn l-indulġenzi mhux biex kienu jiksbu maħfra mid-dnubiet diġa' magħmula, huma kienu wżati biex jillizenzjaw il-kummissjoni ta' trasgressjoni **futura** wkoll. Fil-volum klassiku, *The Life and Times of Martin Luther,* l-istoriku magħruf Merle D'Aubigne isemmi episodju tad-daħk relattiv għal din il-prattika.

Ċertu nobbli Sossonu (membru tal-poplu Ġermaniku) sama' lil John Tetzel iħabbar id-duttrina tiegħu ta' l-indulġenzi, u n-nbobbli kien aggravat ħafna b'dan il-qerq u taħsir tal-verità. Għalhekk, f'jum minnhom huwa avviċina lill-patri u staqsa dwar jekk hu kienx jista' jixtri indulġenzqa għal dnub li hu kien **intenzjonat** li jagħmel.

"Ċertament," wieġeb Tetzel, "Jiena kont irċevejt is-setgħat kollha mill-qdusija tiegħu għal dak l-iskop." Wara xi ftit argumenti, miżata ta' tletin "crowns" (madwar 1744 ċenteżmi) kienet aċċettata, u n-nobbli telaq.

Flimkien ma' xi ħbieb, hu ħeba lilu nnifsu f'foresta li kienet fil-qrib. Wara ftit tal-ħin, kif Tetzel mar f'dik it-triq, in-nobbli u sħabu qabżu fuq il-bejjiegħ tal-papa, tawh

daqqa ħafifa, u ħadulu l-flus, apparentament ma kkonfondewx biex jaħbu lilhom infushom.

Tetzel kien irrabjat ħafna bl-għemil goff u fittixhom fil-qorti. Meta n-nobbli deher bħala difensur, hu pproduċa l-ittra ta' l-eżenzjoni li kien fiha l-firma ta' John Tetzel innifsu, li ħafret lil Ġermaniż minn kull obligu. Meta d-Duka George (l-imħallef li quddiemu kienu miġjuba l-azzjonijiet) eżamina d-dokument, għalkemm kien irritat, huwa ordna li l-akkużat ikun meħlus.

L-żball huwa l-agħar għadu tiegħu nnifsu!

***Sorsi***

D'Aubigne, J.H. Merle, *The Life and Times of Martin Luther* (Chicago: Moody, 1955), p. 103.

© 2005 by Christian Courier Publications. All rights reserved.

## HUWA L-PURGATORJU FIL-BIBBJA U FEJN QIEGĦED?

Il-Purgatorju huwa kunċett mhux bibliku żviluppat fil-kotba apokrifi (1 u 2 Makkabin, Ekkleżjastiku (Il-Ktieb ta' Bin Sirak), eċċ. Miktuba bejn it-tmien tat-Testment il-Qadim (il-ktieb ta' Malakija) u l-bidu tat-Testment il-Ġdid (il-ktieb ta' Mattew), perjodu ta' madwar 400 sena meta Alla ma tkellimx permezz tal-profeti. Il-Knisja Kattolika Rumana għarfet dawn il-kotba u żidithom fl-Iskrittura kanonika tagħhom. Ta' min jinnota li l-Lhud infushom qatt ma kkunsidraw il-kotba apopkifi bħala li kienu aktar milli kotba storiċi. Dawn ma kinux ikkunsidrati bħala kitba ispirata minn Alla. Il-knisja Kristjana qatt ma kkunsidrat dawn il-kotba bħala Skrittura meta għalqet il-kanoni ta' l-Iskrittura. Il-Knisja Kattolika ħumana ħolqot dottrini bħall-purgatorju, talb għall-mejtin, u oħrajn mill-kotba apokrifi, mhux mis-sitta-u sittin ktieb tal-Bibbja. Per eżempju, mill-kbiet mhux Bibliku tat-tieni Makkabin 12:43-45.

Il-Purgatorju bħala "post li jżomm" għal aktar xogħol sabiex tidħol fis-smewwiet (ġenna), jew sakemm xi ħadd iħallas għalik biex tidħol, jikkontradixxi l-Bibbja. Biċ-ċar, is-salvazzjoni tagħna hija bbażata fuq il-grazzja ta' Alla weħidha, permezz ta' fidi li tipproduċi ubbidjenza għall-kmandamenti ta' Kristu (Efesin 2:8-91 Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; 1 Ġwanni 2:3; Luqa 6:46; Lhud 5:9). Sewwasew qabel ma Ġesù miet fuq is-salib, Hu ddikjara, "Kollox mitmum" (Ġwanni 19:30) jindika li l-penalità għad-dnub kienet imħallsa għalkollox u għal dejjem. 1 Pietru 3:18 jindika li Ġesù miet għad-dnubiet "darba" biex iġib ir-rikonċiljazzjoni bejn il-midneb ħati u Alla Qaddis. Ġesù qal, "Min jemmen fija għandu l-ħajja ta' dejjem" (Ġwanni 6:47). 1 Ġwanni 2:2 jindika li l-mewt ta' Ġesù fuq is-salib kienet "l-propizjazzjoni" (il-ħlas) għal dnubietna—kelma li tfisser li l-korla ta' Alla minħabba d-dnub kienet issodis-fatta kompletament.

Għalhekk ħadd ma jista' jżid ma' jew ineħħi mix-xogħol mitmum ta' Ġesù fuq is-salib. Ma hemm ebda purgatorju. Dawk li jemmnu fil-MULEJ Ġesù Kristu bħala s-Salvatur tagħhom mid-dnub għandhom ħajja eterna (Ġwanni 11:25-26). L-emmieni li jmut imur immedjatament fil-preżenza tal-MULEJ Ġesù f'Hades (2 Korintin 5:7-8; Filippin 1:21-23; Luqa 16:22; 23:42-43; Mattew 25:46). Dawk li jirriġettaw lil Ġesù jgħaddu l-eternità fl-Infern. (Luqa 16:23; Mattew 25:46). L-għażla hija f'din il-ħajja, mhux fil-ħajja li għandha tiġi (Luqa 16:19-31; 1 Korintin 5:10).